SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla)

22 ta' Mejju 2014*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Trasport — Direttiva 2006/126/KE — Anness III, punt 6.4 — Validità — Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Artikoli 20, 21(1) u 26 — Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet tal-persuni diżabbli — Liċenzja tas-sewqan — Kapaċità fiżika u mentali għas-sewqan ta' vettura bil-mutur — Regoli minimi — Akutezza viżiva — Ugwaljanza fit-trattament — Assenza ta' possibbiltà ta' deroga — Proporzjonalità"

Fil-Kawża C-356/12,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Bayerischer Verwaltungsgerichtshof (il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tal-5 ta' Lulju 2012, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-27 ta' Lulju 2012, fil-proċedura

Wolfgang Glatzel

vs

Freistaat Bayern,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla),

komposta minn T. von Danwitz, President tal-Awla, E. Juhász, A. Rosas (Relatur), D. Šváby u C. Vajda, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: Y. Bot,

Reġistratur: M. Aleksejev, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-20 ta' Ġunju 2013,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal W. Glatzel, minn E. Giebler, Rechtsanwalt,

— għal Freistaat Bayern, minn M. Niese, bħala aġent,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn T. Henze u K. Petersen, bħala aġenti,

— għall-Parlament Ewropew, minn A. Troupiotis u P. Schonard, bħala aġenti,

— għall-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, minn E. Karlsson, R. Wiemann u Z. Kupčová, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn G. Braun u J. Hottiaux, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-18 ta' Lulju 2013,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-konformità tal-punt 6.4 tal-Anness III tad-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Diċembru 2006, dwar il-liċenzji tas-Sewqan (ĠU L 403, p. 18, u r-rettifika ĠU 2009, L 19, p. 67), kif emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/113/KE, tal-25 ta' Awwissu 2009 (ĠU L 223, p. 31, iktar 'il quddiem id-"Direttiva 2006/126"), mal-Artikoli 20, 21(1) u 26 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), f'dak li jikkonċerna r-regoli minimi dwar il-kapaċità fiżika għas-sewqan ta' vettura bil-mutur fir-rigward tal-akutezza viżiva.

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn W. Glatzel u l-Freistaat Bayern fir-rigward tad-deċiżjoni li biha W. Glatzel ġie rrifjutat il-ħruġ ta' liċenzja tas-sewqan għall-vetturi fil-kategoriji C1 u C1E, kif iddefiniti bid-Direttiva 2006/126, minħabba li l-akutezza viżiva tiegħu fl-aġar għajn ma tilħaqx il-livell minimu rikjest fil-punt 6.4 tal-Anness III ta' din id-direttiva.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt internazzjonali

3 Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà, li ġiet approvata għan-nom tal-Komunità Ewropea permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/48/KE, tas-26 ta' Novembru 2009 (ĠU 2010, L 23, p. 35, iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni tal-ONU dwar id-diżabbiltà"), tipprovdi, fil-premessa (e) tagħha:

"L-Istati Partijiet għal din il-konvenzjoni,

[…]

e) filwaqt li jagħrfu li d-diżabbiltà hija kunċett li qed jevolvi u li d-diżabbiltà tirriżulta mill-effett reċiproku bejn il-persuni bi ħsara [limitazzjonijiet] fis-saħħa u l-barrieri ta' attitudni u ambjentali li jxekklu l-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva tagħhom fis-soċjetà fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor".

4 Skont l-Artikolu 1 ta' din il-konvenzjoni, intitolat "Għan":

"L-għan ta' din il-konvenzjoni huwa li tippromwovi, tipproteġi u tiżgura t-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha mill-persuni kollha b'diżabbiltà, u li tippromwovi r-rispett għad-dinjità inerenti.

Il-persuni b'diżabbiltà jinkludu dawk li għandom ħsarat [limitazzjonijiet] fiżiċi, mentali, intellettwali jew fis-sensi fuq perijodu twil li flimkien ma' diversi ostakli jistgħu jxekklu l-partċipazzjoni sħiħa u effettiva tagħhom fis-soċjetà fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor."

5 L-Artikolu 2 tal-imsemmija konvenzjoni, intitolat "Definizzjonijiet", jipprovdi:

"Għall-iskopijiet ta' din il-konvenzjoni:

[…]

‘Diskriminazzjoni fuq il-bażi ta’ diżabbiltà’ tfisser kwalunkwe distinzjoni, esklużjoni jew restrizzjoni fuq il-bażi ta’ diżabbiltà li għandha l-għan jew effett li tfixkel jew ixxejjen l-għarfien, it-tgawdija jew l-eżerċitar, fuq bażi ugwali ma’ ħaddieħor, tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali kollha fil-qasam politiku, ekonomiku, soċjali, kulturali, ċivili jew fi kwalunkwe qasam ieħor. Din tinkludi il-forom kollha ta’ diskriminazzjoni, inkluża ċ-ċaħda ta’ aġevolezza raġonevoli;

[…]”

6 L-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni tal-ONU dwar id-diżabbiltà, intitolat “Obbligi ġenerali”, jipprovdi:

“1. L-Istati Partijiet jintrabtu li jiżguraw u jippromwovu t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha għall-persuni b’diżabbiltà kollha mingħajr diskriminazzjoni ta’ ebda tip fuq il-bażi ta’ diżabbiltà. Għal dan il-għan, l-Istati Partijiet jintrabtu:

a) li jadottaw miżuri leġiżlattivi, amministrattivi u miżuri oħra adegwati għall-implimentazzjoni tad-drittijiet rikonoxxuti f’din il-Konvenzjoni;

b) li jieħdu l-miżuri adegwati kollha, inkluża leġiżlazzjoni, biex jimmodifikaw jew ineħħu liġijiet, regolamenti, konswetudnijiet u prattiċi eżistenti li jikkostitwixxu diskriminazzjoni kontra l-persuni b’diżabbiltà;

c) li jqisu l-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tal-persuni b’diżabbiltà fil-linji ta’ politika u l-programmi kollha;

d) li joqogħdu lura milli jinvolvu ruħhom fi kwalunkwe att jew prattika li huma inkonsistenti ma’ din il-Konvenzjoni u li jiżguraw li l-awtoritajiet u istituzzjonijiet pubbliċi jaġixxu f’konformità ma’ din il-Konvenzjoni;

e) li jieħdu l-miżuri adegwati kollha biex jeqirdu d-diskriminazzjoni fuq il-bażi ta’ diżabbiltà minn kwalunkwe persuna, organizzazzjoni jew intrapriża privata;

[…]”

7 Skont l-Artikolu 5 ta’ din il-konvenzjoni, intitolat “Ugwaljanza u non-diskriminazzjoni”:

“1. L-Istati Partijiet jagħrfu li l-persuni kollha huma ugwali quddiem u taħt il-liġi u huma intitolati mingħajr kwalunkwe diskriminazzjoni għall-protezzjoni ugwali u għal benefiċċju ugwali tal-liġi.

2. L-Istati Partijiet għandhom jipprojbixxu kull diskriminazzjoni fuq il-bażi ta’ diżabbiltà u jiggarantixxu lill-persuni b’diżabbiltà protezzjoni legali li hija ugwali u effettiva kontra d-diskriminazzjoni fuq kull bażi.

3. Sabiex jippromwovu l-ugwaljanza u jeliminaw id-diskriminazzjoni, l-Istati Partijiet għandhom jieħdu l-passi kollha adegwati biex jiżguraw li tingħata aġevolezza raġonevoli.

4. Miżuri speċifiċi li huma neċessarji biex titħaffef jew tinkiseb *de facto* l-ugwaljanza tal-persuni b’diżabbiltà m’għandhomx jitqiesu bħala diskriminazzjoni taħt it-termini ta’ din il-Konvenzjoni.”

8 L-Artikolu 27 tal-konvenzjoni msemmija, intitolat “Xogħol u impjieg”, jipprovdi, fil-paragrafu 1(a) tiegħu:

“L-Istati Partijiet għandhom jagħrfu d-dritt tal-persuni b’diżabbiltà biex jaħdmu, fuq bażi ugwali ma’ ħaddieħor; dan jinkludi d-dritt għall-opportunità għal qligħ ta’ għixien permezz ta’ xogħol magħżul b’mod liberu u ambjent tax-xogħol li hu miftuħ, inklużiv u aċċessibbli għall-persuni b’diżabbiltà. L-Istati Partijiet għandhom iħarsu u jippromwovu l-kisba tad-dritt għax-xogħol, inkluż għal dawk li jġarrbu diżabbiltà matul l-impjieg tagħhom, billi jieħdu passi adegwati, inkluż permezz ta’ leġiżlazzjoni, biex, *inter alia*:

a) jipprojbixxu diskriminazzjoni fuq il-bażi ta’ diżabbiltà fir-rigward tal-kwistjonijiet kollha li jirrigwardaw kull forma ta’ impjieg, inklużi kondizzjonijiet ta’ reklutaġġ, ingaġġ, u impjieg, it-tkomplija ta’ impjieg, l-avvanz fil-karriera u kondizzjonijiet tax-xogħol siguri u tajba għas-saħħa”.

Id-dritt tal-Unjoni

9 Skont il-premessa 8 tad-Direttiva 2006/126:

“Għall-finijiet tas-sigurtà fit-toroq, għandhom jiġu stabbiliti r-rekwiżiti minimi għall-ħruġ ta’ liċenzja tas-sewqan. Hemm il-ħtieġa li jiġu armonizzati l-istandards għat-testijiet tas-sewqan u għall-ħruġ tal-liċenzji. Għal dan il-għan, għandhom jiġu definiti l-kompetenza, il-ħiliet u l-komportament konnessi mas-sewqan tal-vetturi, it-test tas-sewqan għandu jkun ibbażat fuq dawn il-kunċetti u għandhom jiġu definiti mill-ġdid l-istandards minimi tal-kapaċità fiżika u mentali sabiex jinsaqu tali vetturi.”

10 Il-premessa 14 ta’ din id-direttiva tistabbilixxi:

“Għandhom ikunu adottati dispożizzjonijiet speċifiċi sabiex jiffaċilitaw lill-persuni b’diżabbiltajiet fiżiċi sabiex isuqu vetturi.”

11 Il-premessa 19 ta’ din id-direttiva tipprovdi:

“Il-Kummissjoni għandha tkun tista’ tadatta l-Annessi I sa IV għall-progress xjentifiku u tekniku.”

12 L-Artikolu 4 tad-Direttiva 2006/126, intitolat “Kategoriji, definizzjonijiet u età minima”, jipprovdi:

“1. Il-liċenzja tas-sewqan prevista fl-Artikolu 1 għandha tawtorizza s-sewqan ta’ vetturi b’mutur fil-kategoriji definiti aktar ’l isfel. […]

[…]

4. Vetturi bil-mutur:

[…]

d) Kategorija C1:

vetturi bil-mutur diversi minn dawk tal-Kategoriji D1 jew D, li l-massa massima awtorizzata tagħhom taqbeż 3 500 kg, iżda ma taqbizx 7 500 kg u li jkunu proġettati u mibnija għat-trasport ta’ mhux aktar minn tmien passiġġieri minbarra s-sewwieq; il-vetturi bil-mutur f’din il-kategorija jistgħu jiġu kombinati ma’ karru ta’ massa massima awtorizzata li ma taqbiżx 750 kg;

e) Kategorija C1E:

— mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar l-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi konċernati, kombinazzjonjiet ta' vetturi fejn il-vettura-trattur tkun tal-Kategorija C1 u l-karru jew semi-karru tagħha jkollu massa massima awtorizzata ta' aktar minn 750 kg, sakemm il-massa massima awtorizzata tal-kombinazzjoni ma taqbiżx 12 000 kg;

— mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar l-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi konċernati, kombinazzjonjiet ta' vetturi fejn il-vettura-trattur tkun tal-Kategorija B u l-karru jew semi-karru tagħha jkollu massa massima awtorizzata ta' aktar minn 3 500 kg, sakemm il-massa massima awtorizzata tal-kombinazzjoni ma taqbiżx 12 000 kg;

— l-età minima għall-Kategoriji C1 u C1E hija ta' 18-il sena, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar is-sewqan ta' tali vetturi fid-Direttiva 2003/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2003 dwar il-kwalifika inizjali u taħriġ perjodiku ta' sewwieqa ta' ċerti vetturi tat-triq għat-trasport ta' prodotti jew passiġġieri[, li temenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 u d-Direttiva tal-Kunsill 91/439/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 76/914/KEE] [(ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 7, p. 441)];

[…]"

13 Skont l-Artikolu 7 ta' din id-direttiva, intitolat "Ħruġ, validità u tiġdid":

"1. Il-liċenzji tas-sewqan għandhom jinħarġu biss lil dawk l-applikanti:

a) li jkunu għaddew minn test ta' ħila u ta' komportament u minn test teoriku u li jissodisfaw l-istandards mediċi, skond il-dispożizzjonijiet ta' l-Annessi II u III;

[…]

3. It-tiġdid tal-liċenzji tas-sewqan meta tiskadi l-validità amministrattiva tagħhom għandu jkun suġġett għal dawn li ġejjin:

a) il-kontinwazzjoni tal-konformità ma' l-istandards minimi ta' kapaċità fiżika u mentali għas-sewqan kif previst fl-Anness III għal-liċenzji tas-sewqan fil-Kategoriji C, CE, C1, C1E, D, DE, D1, D1E; […]

[…]"

14 L-Artikolu 8 tad-direttiva msemmija, intitolat "Adattament għall-progress xjentifiku u tekniku", jipprovdi:

"L-emendi meħtieġa sabiex jiġu adattati l-Annessi I sa VI għall-progress xjentifiku u tekniku għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 9(2)."

15 Skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2006/126, intitolat "Il-Kumitat":

"1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-kumitat dwar il-liċenzji tas-sewqan.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha."

16 L-Anness III tad-Direttiva 2006/126 jirrigwarda r-regoli minimi dwar il-kapaċità fiżika u mentali għas-sewqan ta' vettura bil-mutur, inklużi r-rekwiżiti dwar il-vista. Għall-finijiet ta' dan l-anness, is-sewwieqa huma kklassifikati f'żewġ gruppi, jiġifieri l-grupp 1 li jinkludi s-sewwieqa ta' vetturi tal-kategoriji A, A1, A2, AM, B, B1 kif ukoll BE, u l-grupp 2 li jgħaqqad is-sewwieqa ta' vetturi tal-kategoriji C, CE, C1, C1E, D, DE, D1 kif ukoll D1E.

17 Fir-rigward tal-eżamijiet mediċi relatati mal-vista, l-Anness III tad-Direttiva 2006/126 jipprovdi kif ġej:

"6. L-applikanti kollha għal liċenzja tas-sewqan għandhom jgħaddu minn investigazzjoni xierqa sabiex jiġi żgurat li għandhom viżta ċara biżżejjed sabiex isuqu l-vetturi bil-mutur. Fejn ikun hemm raġuni ta' dubju jekk il-viżta ta' l-applikant hix adegwata, dan għandu jiġi eżaminat mill-awtorità medika kompetenti. F'dan l-eżami għandha tingħata attenzjoni, b'mod partikolari, għal dan li ġej: l-akutezza fil-vista, il-kamp viżiv, il-vista f'dawl newwiemi, is-sensittività għad-dija u l-kuntrast, id-diplopija u funzjonijiet oħra tal-vista li jistgħu jikkompromettu s-sewqan sikur.

Għas-sewwieqa tal-Grupp 1, il-liċenzja tista' tingħata f'"każijiet eċċezzjonali' fejn l-istandard tal-kamp jew tal-akutezza fil-vista ma jkunux intlaħqu; f'każijiet bħal dawn is-sewwieq għandu jsirlu eżami minn awtorità medika kompetenti sabiex jintwera li m'hemm l-ebda ħsara oħra fil-funzjoni tal-vista, inklużi s-sensittività għad-dija u l-kuntrast u l-vista f'dawl newwiemi. Is-sewwieq jew l-applikant għandu wkoll isirlu test prattiku pożittiv minn awtorità kompetenti.

Grupp 1:

6.1. L-applikanti għal-liċenzja tas-sewqan jew għat-tiġdid ta' din il-liċenzja għandu jkollhom akutezza binokulari fil-vista, bil-lentijiet korrettivi jekk meħtieġa, ta' mill-inqas 0,5 meta jintużaw iż-żewġ għajnejn flimkien.

Barra minn hekk, il-kamp orizzontali tal-vista biż-żewġ għajnejn għandha tkun ta' mhux inqas minn 120 grad, l-estensjoni għandha tkun tal-inqas 50 grad fuq il-lemin u fuq ix-xellug u 20 grad 'il fuq u 'l isfel. Ma għandux ikun hemm difetti f'radju mill-20 grad ċentrali.

Meta tinstab jew tiġi ddikjarata marda progressiva tal-għajnejn, jistgħu jinħarġu jew jiġġeddu l-liċenzji tas-sewqan bil-kundizzjoni li l-applikant isirlu eżami regolari minn awtorità medika kompetenti.

6.2. L-applikanti għal-liċenzja tas-sewqan, jew għat-tiġdid ta' tali liċenzja, li jkollhom telf funzjonali totali tal-vista f'għajn waħda jew li jużaw għajn waħda biss (eż. fil-każ tad-diplopija) għandu jkollhom akutezza fil-vista ta' mill-inqas 0,5, bil-lentijiet korrettivi jekk meħtieġa. L-awtorità medika kompetenti għandha tiċċertifika li din il-kundizzjoni ta' vista monokulari kienet ilha teżisti biżżejjed hekk li tippermetti l-addattament u li l-kamp tal-vista f'din l-għajn jissodisfa r-rekwiżiti msemmija fil-[punt] 6.1.

6.3. Wara żvilupp reċenti tad-diplopija jew wara t-telf ta' vista f'għajn waħda, għandu jkun hemm perjodu ta' adattament xieraq (pereżempju sitt xhur), li matulhom mhux permess sewqan. Wara dan il-perjodu, is-sewqan ikun permess biss wara opinjoni favorevoli mingħand esperti tal-vista u tas-sewqan.

Grupp 2:

6.4. L-applikanti għal-liċenzja tas-sewqan jew għat-tiġdid ta' tali liċenzja għandu jkollhom akutezza fil-vista, bil-lentijiet korrettivi jekk meħtieġa, ta' mill-inqas 0,8 fl-aħjar għajn u ta' mill-inqas 0,1 fl-agħar għajn. Jekk jintużaw lentijiet korrettivi biex jintlaħqu l-valuri ta' 0,8 u 0,1, l-akutezza

minima (0,8 u 0,1) għandha tintlaħaq jew b'korrezzjoni permezz ta' nuċċali b'qawwa ta' mhux aktar minn + tmien dijopteri, jew bl-għajnuna ta' lentijiet tal-kuntatt. Il-korrezzjoni jeħtieġ li tkun ittollerata sew.

Barra minn hekk, il-kamp orizzontali tal-vista biż-żewġ għajnejn għandha tkun ta' mhux inqas minn 160 grad, l-estensjoni għandha tkun tal-inqas 70 grad fuq il-lemin u fuq ix-xellug u 30 grad 'il fuq u 'l isfel. Ma għandux ikun hemm difetti f'radju mit-30 grad ċentrali.

Ma għandhomx jinħarġu jew jiġġeddu liċenzji tas-sewqan lill-applikanti jew lis-sewwieqa li jsofru minn sensittività għall-kuntrast imnaqqsa jew minn diplopija.

Wara telf sostanzjali ta' vista minn għajn waħda, għandu jkun hemm perjodu ta' adattament xieraq (pereżempju sitt xhur), li matulhom il-persuna ma titħalliex issuq. Wara dan il-perjodu, is-sewqan ikun permess biss wara opinjoni favorevoli mingħand esperti tal-vista u tas-sewqan."

18 Skont il-punt 1.3 tal-Anness III tad-Direttiva 2006/126, il-leġiżlazzjoni nazzjonali tista' tipprovdi li d-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan l-anness għas-sewwieqa tal-Grupp 2 japplikaw għas-sewwieqa tal-vetturi tal-Kategorija B li jużaw il-liċenzja tas-sewqan tagħhom għal skopijiet professjonali (it-taxis, l-ambulanzi, eċċ.).

19 Barra minn hekk, mill-punt 5 tal-istess anness jirriżulta li, f'dak li jikkonċerna l-Grupp 2, l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu, għall-ħruġ jew għal kull tiġdid sussegwenti ta' liċenzja tas-sewqan, standards iktar stretti minn dawk imsemmija fl-imsemmi anness.

Id-dritt Ġermaniż

20 L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tal-liġi Ġermaniża fuq it-traffiku fit-toroq (Straßenverkehrsgesetz), fil-verżjoni tagħha ppubblikata fil-5 ta' Marzu 2003 (BGBl. 2003 I, p. 310, u r-rettifika p. 919), kif emendata fl-aħħar lok mill-Artikolu 2(118) tal-ligi tat-22 ta' Diċembru 2011 (BGBl. 2011 I, p. 3044, iktar 'il quddiem is-"StVG"), huwa mfassal b'dan il-mod:

"Il-permess tas-sewqan għandu jinħareġ għall-kategorija kkonċernata, meta l-kandidat

[…]

3. ikun kapaċi għas-sewqan ta' vetturi bil-mutur,

[…]"

21 L-ewwel sentenza tal-Artikolu 2(4) tal-StVG tiddefinixxi l-kunċett ta' "kapaċità" b'dan il-mod:

"Hija kapaċi għas-sewqan ta' vetturi bil-mutur kull persuna li tissodisfa l-kundizzjonijiet fiżiċi u mentali neċessarji għal dan il-għan u li ma wettqitx reati gravi jew ripetuti kontra d-dispożizzjonijiet relatati mat-traffiku fit-toroq jew kontra d-dispożizzjonijiet kriminali."

22 Ir-rekwiżiti preċiżi li jridu jiġu ssodisfatti sabiex persuna tiġi rrikonoxxuta kkwalifikata sabiex issuq vetturi bil-mutur huma stabbiliti mir-regolament dwar l-aċċess ta' persuni għat-traffiku fit-toroq (regolament dwar il-liċenzja tas-sewqan) [Verordnung über die Zulassung von Personen zum Straßenverkehr (Fahrerlaubnis-Verordnung)], tat-13 ta' Diċembru 2010 (BGBl. 2010 I, p. 1980, hekk kif jirriżulta mill-verżjoni tar-regolament tas-26 ta' Ġunju 2012, (BGBl. 2010 I, p. 1394.

23 F'dak li jikkonċerna l-vista, l-Artikolu 12(1) ta' dan ir-regolament jipprovdi:

"Għall-finijiet tas-sewqan ta' vetturi bil-mutur, il-viżjoni tal-kandidat għandha tissodisfa r-rekwiżiti msemmija fl-Anness 6".

24 Il-punt 2.2.1 tal-Anness 6 tal-imsemmi regolament jipprovdi:

"Akutezza viżiva ċentrali binhar:

sa fejn korrezzjoni tkun possibbli u ttollerata sewwa, kwalunkwe nuqqas ta' viżjoni għandu jiġi korrett bl-osservanza tal-valuri minimi segwenti ta' akutezza viżiva: akutezza tal-aħjar għajn jew akutezza viżiva binokulari: 0.8; akutezza tal-agħar għajn: 0.5.

[…]

F'ċerti każijiet partikolari, fid-dawl tal-esperjenza tas-sewqan u tal-użu tal-vettura, l-akutezza viżiva tal-agħar għajn tista' tkun inferjuri għal 0.5 għall-kategoriji C, CE, C1 u C1E, sakemm din ma tkunx inferjuri għal 0.1. F'każijiet bħal dawn, ikun meħtieġ li jsir eżami oftalmoloġiku."

Il-fatti tal-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

25 Il-liċenzja tas-sewqan ta' W. Glatzel, imwieled fl-1959, ġiet irrevokata b'deċiżjoni ġudizzjarja adottata f'April 2010, minħabba li kien saq fi stat ta' intossikazzjoni.

26 B'deċiżjoni amministrattiva ta' Novembru 2010, il-Landratsamt Schwandorf laqa' parzjalment it-talba ta' W. Glatzel bil-ħruġ ta' liċenzja tas-sewqan ġdida li tawtorizzah isuq vetturi bil-mutur li jidħlu b'mod partikolari fil-kategoriji A, A1 u BE, kif iddefiniti bid-Direttiva 2006/126, kif ukoll dawk li jidħlu f'ċerti kategoriji nazzjonali li jagħtu d-dritt li jinstaqu roti mgħammra b'mutur awżiljarju, muturi ħfief u vetturi bil-mutur ħfief ta' veloċità massima stabbilita mill-manifattur ugwali għal 45 kilometru fis-siegħa, kif ukoll tratturi tal-kostruzzjoni jew agrikoli ta' veloċità massima stabbilita mill-manifattur rispettivament ugwali għal 25 u 32 kilometru fis-siegħa.

27 Min-naħa l-oħra, bl-istess deċiżjoni, W. Glatzel ġie rrifjutat il-ħruġ ta' liċenzja tas-sewqan ġdida għall-vetturi tal-kategoriji C1 u C1E, jiġifieri, b'mod partikolari, il-vetturi tqal. Il-Landratsamt Schwandorf immotiva dan ir-rifjut bil-fatt li eżami oftalmoloġiku kien wera li W. Glatzel kien ibati minn amblijopija unilaterali, li tinvolvi telf funzjonali mdaqqas tal-vista ta' għajn. Filwaqt li l-akutezza viżiva ċentrali tiegħu kienet tlaħħaq 1.0 għall-għajn tax-xellug — li jfisser li din kienet kompleta — u l-akutezza viżiva binokulari kienet ukoll tlaħħaq dan l-istess valur, waqt l-eżami, bl-għajn il-leminija waħedha W. Glatzel seta' jara biss movimenti tal-id. Konsegwentement, l-akutezza viżiva tal-għajn il-leminija ta' W. Glatzel ma tissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti mil-leġiżlazzjoni Ġermaniża għall-ħruġ ta' liċenzja tas-sewqan għal vetturi li jidħlu f'dawn l-aħħar kategoriji.

28 Wara lment kontra dan ir-rifjut li ma ħalla ebda riżultat, W. Glatzel ressaq kawża quddiem il-Verwaltungsgericht Regensburg (tribunal amministrattiv ta' Regensburg). Wara li dan tal-aħħar ċaħad ir-rikors tiegħu, W. Glatzel ippreżenta appell minn din is-sentenza quddiem il-qorti tar-rinviju, il-Bayerischer Verwaltungsgerichtshof.

29 Din ordnat miżuri ta' investigazzjoni u talbet, b'mod partikolari, rapport tekniku minn dipartiment oftalmoloġiku sabiex jiġi stabbilit l-istat attwali tal-vista ta' W. Glatzel u sabiex jgħid jekk u sa fejn huwa jistax jikkoreġi n-nuqqasijiet eżistenti, li, f'dan il-każ, kienu jirrigwardaw il-vista spazjali, u jekk dawn il-possibbiltajiet ta' korrezzjoni jissussistux indipendentement mir-rieda tiegħu. Barra minn hekk, permezz ta' rapport tekniku ieħor, il-qorti tar-rinviju tixtieq issir taf jekk, minn perspettiva xjentifika, jeżistux raġunijiet tajba sabiex jinċaħad il-ħruġ ta' liċenzja tas-sewqan għall-kategoriji C1 u

C1E għall-persuni li jkollhom vista monokulari għal raġunijiet anatomiċi jew funzjonali, anki meta jkun ġie stabbilit li dawn il-persuni jistgħu jikkumpensaw adegwatament għal tibdil possibbli fil-vista tagħhom. Din il-qorti tixtieq ukoll issir taf liema huma l-kundizzjonijiet li jridu jiġu ssodisfatti, jekk ikun hemm bżonn, sabiex is-sewqan minn tali persuni ta' vetturi li jaqgħu taħt dawk il-kategoriji ma jkun jimplika l-ebda theddida addizzjonali għas-sigurtà fit-toroq meta mqabbla ma' dawk il-persuni li l-vista tagħhom ma tinbidel bl-ebda mod.

30 Barra minn hekk, waqt is-seduta li nżammet quddiem il-qorti tar-rinviju, l-esperti adottaw pożizzjoni fuq il-probabbiltà ta' eventwali telf ta' vista minn għajn meta l-persuna kkonċernata tkun qed issuq vettura fil-kategoriji C1 u C1E, kif ukoll fuq il-kwistjoni dwar jekk tali telf ta' vista jistax iseħħ tant f'daqqa li s-sewwieq ikollu bżonn l-akutezza viżiva residwa ta' 0.1 li jkun jiddisponi minnha fl-għajn l-oħra sabiex jasal biex iwaqqaf il-vettura fil-ġenb tat-triq.

31 Abbażi tal-informazzjoni hekk miksuba, il-Bayerischer Verwaltungsgerichtshof iqis li għandha tiġi milqugħa t-talba ta' W. Glatzel, jiġifieri li jiġu annullati d-deċiżjonijiet amministrattivi kif ukoll is-sentenza mogħtija mill-Verwaltungsgericht Regensburg u li tinħariġlu liċenzja tas-sewqan għall-vetturi tal-kategoriji C1 u C1E. Fil-fatt, din il-qorti tikkonstata li ma teżisti ebda raġuni għalfejn jiġi pprojbit is-sewqan ta' vetturi bil-mutur li jinsabu f'dawn il-kategoriji lill-persuni li għandhom biss akutezza viżiva inferjuri għal 0.1 f'għajn waħda, meta, l-ewwel nett, dawn ikunu persuni li għandhom vista binokulari, it-tieni nett, il-kamp viżiv binokulari ta' dawn il-persuni jissodisfa r-rekwiżiti msemmija fil-punt 6.4 tal-Anness III tad-Direttiva 2006/126 u, it-tielet nett, il-persuni msemmija tgħallmu jikkumpensaw b'mod sħiħ il-vista spazjali li għandhom nieqsa.

32 Fir-rigward ta' dan tal-aħħar, il-qorti tar-rinviju tippreċiża li persuna li għandha vista spazjali nieqsa tadatta ruħha għal dan in-nuqqas meta dan jiżviluppa matul il-ħajja, f'mhux iktar minn sitt xhur. Tali adattament, li barra minn hekk, ma jiddependix mill-prattika volontarja ta' ċertu aġir mill-persuna interessata, iseħħ, iktar u iktar, meta persuna tbati nuqqas kbir fil-vista ta' għajn mit-twelid, bħal fil-każ ta' W. Glatzel. B'hekk, ir-rekwiżit, stabbilit fil-punt 6.4 tal-Anness III tad-Direttiva 2006/126, li jgħid li s-sewwieqa tal-grupp 2 għandu jkollhom akutezza viżiva ta' mill-inqas 0.1, huwa bbażat mhux fuq il-ħsieb li jkun hemm rimedju għan-nuqqas ta' vista spazjali tal-persuni kkonċernati, iżda fuq dak li sewwieq ta' vettura bil-mutur li jidħol f'dawn il-kategoriji jkun jista' jirreaġixxi għat-telfien f'daqqa tal-vista tal-aħjar miż-żewġ għajnejn matul it-triq u li jwaqqaf il-vettura msemmija fil-ġenb tat-triq billi juża l-vista residwa li għandu.

33 Issa, il-qorti tar-rinviju tosserva li r-rekwiżit ta' tali akutezza viżiva residwa għall-għajn l-inqas tajba huwa oġġettivament iġġustifikat biss fir-rigward tal-persuni li ma għandhomx vista binokulari jew li l-kamp viżiv binokulari tagħhom ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-punt 6.4 tal-Anness III tad-Direttiva 2006/126. Min-naħa l-oħra, persuna, bħal W. Glatzel, li għandha kamp viżiv normali u li n-nuqqasijiet viżivi tagħha jolqtu b'mod partikolari l-akutezza viżiva ċentrali tagħha, tista' tinduna b'oġġetti li jidhru fil-kamp viżiv periferiku tagħha essenzjalment bl-istess mod bħal persuna li għandha vista normali, u hija, għalhekk, kapaċi twaqqaf il-vettura bil-mutur li din issuq anki bl-użu biss tal-vista residwa tagħha. Il-qorti tar-rinviju żżid li huwa estremament rari li s-sewwieqa tal-vetturi tqal jitilfu l-vista tagħhom minn għajn b'mod tant f'daqqa li jkollhom jirrikorru esklużivament għall-vista residwa tagħhom fl-għajn l-oħra biex iwaqqfu l-vettura.

34 Il-Bayerischer Verwaltungsgerichtshof tqis li r-rekwiżit previst fil-punt 6.4 tal-Anness III tad-Direttiva 2006/126 jikkostitwixxi interferenza fid-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Artikoli 20, 21(1) u 26 tal-Karta, li jirrigwardaw, rispettivament, l-ugwaljanza fil-liġi, in-nondiskriminazzjoni abbażi ta' diżabbiltà u l-integrazzjoni tal-persuni diżabbli.

35 B'mod partikolari, l-impossibbiltà, għal persuni bħal W. Glatzel, li jaċċedi għall-attivitajiet professjonali li l-eżerċizzju tagħhom huwa legalment, jew fil-prattika, suġġett għall-kundizzjoni li jkun awtorizzat isuq vetturi fil-kategoriji C1 u C1E, tkun tikkostitwixxi diskriminazzjoni minħabba d-diżabbiltà tal-persuna kkonċernata. Barra minn hekk, id-differenzi li jeżistu bejn ir-rekwiżiti, stabbiliti

mill-Anness III tad-Direttiva 2006/126, relatati mal-vista tal-kandidati għall-ħruġ jew għat-tiġdid ta' liċenzja tas-sewqan skont jekk jidħlux fil-grupp 1 jew fil-grupp 2, jikkostitwixxu ksur tal-ugwaljanza fit-trattament. F'kull każ, il-qorti tar-rinviju tesponi li r-rekwiżit ta' akutezza viżiva minima ta' 0.1 ma tistax tkun ġustifikata f'ċerti każijiet u li soluzzjoni alternattiva u iktar proporzjonata tikkonsisti fil-possibbiltà ta' eżami individwali intiż biex jivverifika l-kapaċità għas-sewqan ta' vetturi fil-kategoriji C1 u C1E minn persuna li tbati minn amblijopija, bħas-sewwieqa ta' vetturi li jidħlu fil-grupp 1 tal-Anness III tad-Direttiva 2006/126.

36 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Bayerischer Verwaltungsgerichtshof iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"Il-punt 6.4 tal-Anness III tad-Direttiva 2006/126 […] hija konformi mal-Artikoli 20, 21(1) u 26 tal-[Karta], sa fejn din id-dispożizzjoni teżiġi mill-kandidati għall-ħruġ jew għat-tiġdid ta' liċenzja tas-sewqan għall-[vetturi tal-]kategoriji C1 u C1E, mingħajr l-ebda possibbiltà ta' deroga, akutezza minima fil-vista ta' 0.1 fl-aħar għajn, anki meta l-vista ta' dawn il-persuni hija binokulari u li għandhom kamp tal-vista normali fiż-żewġ għajnejn?"

Fuq id-domanda preliminari

37 Bid-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tevalwa l-validità tal-punt 6.4 tal-Anness III tad-Direttiva 2006/126, li jikkonċerna r-regoli minimi dwar il-vista għas-sewwieqa ta' vetturi li jidħlu fil-kategoriji C1 u C1E, jiġifieri b'mod partikolari l-vetturi tqal, fir-rigward tal-Artikoli 20, 21(1) u 26 tal-Karta li jirrigwardaw, rispettivament, l-ugwaljanza fil-liġi, in-nondiskriminazzjoni abbażi ta' diżabbiltà, u l-integrazzjoni tal-persuni diżabbli.

38 B'mod partikolari, il-qorti tar-rinviju tqis li r-rekwiżit, li jgħid li s-sewwieqa tal-vetturi bil-mutur li jidħlu fil-kategoriji C1 u C1E għandhom ikollhom akutezza viżiva minima ta' 0.1 għall-aħar għajn, jikkostitwixxi diskriminazzjoni bbażata fuq id-diżabbiltà kontra persuni li ma għandhomx tali akutezza viżiva sa fejn dawn tal-aħħar ikollhom vista binokulari kif ukoll kamp viżiv suffiċjenti għaż-żewġ għajnejn. Tali rekwiżit fir-rigward tal-akutezza viżiva huwa wkoll inkompatibbli mal-prinċipju ta' integrazzjoni tal-persuni diżabbli u tmur kontra l-Konvenzjoni tal-ONU dwar id-diżabbiltà.

39 Barra minn hekk, il-qorti msemmija tikkonstata li, skont il-punt 6 tal-Anness III tad-Direttiva 2006/126, is-sewwieqa li jidħlu fil-grupp 1, jiġifieri s-sewwieqa tal-vetturi bil-mutur iktar ħfief, jistgħu jingħataw liċenzja tas-sewqan f'"każijiet eċċezzjonali" anki jekk dawn ma jissodisfawx ir-regoli dwar il-kamp viżiv jew l-akutezza viżiva. Min-naħa l-oħra, huwa impossibbli li s-sewwieqa li jidħlu fil-grupp 2, inklużi dawk li jitolbu liċenzja tas-sewqan għall-kategoriji ta' vetturi C1 u C1E, li għandhom akutezza viżiva inferjuri għal 0.1 għall-aħar għajn, jingħataw liċenzja tas-sewqan. B'hekk, id-dritt tas-sewwieqa msemmija għall-ugwaljanza fil-liġi huwa miksur, peress li d-direttiva msemmija ma tistabbilixxi ebda possibbiltà ta' eżami mediku individwali li jippermetti li jintwera li, għalkemm is-sewwieqa kkonċernati ma jissodisfawx il-livelli rikjesti, is-sigurtà fit-toroq ma hijiex kompromessa.

40 Sabiex tingħata risposta għad-domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju, għandu, fl-ewwel lok, jiġi ddeterminat jekk il-leġiżlatur tal-Unjoni kisirx id-dritt għan-nondiskriminazzjoni, stabbilit fl-Artikolu 21(1) tal-Karta, meta adotta l-livell minimu ta' akutezza viżiva li jinsab fil-punt 6.4 tal-Anness III tad-Direttiva 2006/126. Għandhom jiġu eżaminati wkoll l-eventwali effetti tal-Konvenzjoni tal-ONU dwar id-diżabbiltà fuq din id-dispożizzjoni. Fit-tieni lok, għandu jiġi evalwat jekk l-Artikolu 26 tal-Karta, li jistabbilixxi l-prinċipju ta' integrazzjoni tal-persuni diżabbli, jipprekludix il-punt 6.4 tal-Anness III tad-Direttiva 2006/126 li l-validità tiegħu hija kkontestata. Fit-tielet lok, għandu jiġi eżaminat jekk l-Artikolu 20 tal-Karta, li jgħid li l-persuni kollha huma ugwali fil-liġi, jipprekludix il-fatt li s-sewwieqa ta' ċerti vetturi tqal ma għandhomx il-possibbiltà li jipprovaw,

permezz ta' eżami mediku individwali, li huma kapaċi jsuqu tali vetturi, anki fin-nuqqas ta' ċerti kapaċitajiet fiżiċi meħtieġa mid-Direttiva 2006/126, filwaqt li sewwieqa oħra ta' ċerti tipi ta' vetturi oħra għandhom tali possibbiltà.

Fuq ir-rekwiżit ta' nondiskriminazzjoni tal-persuni diżabbli stabbilit fl-Artikolu 21 tal-Karta

41 Għandu jiġi eżaminat jekk il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tistabbilixxi r-rekwiżiti fir-rigward tal-akutezza viżiva għas-sewwieqa tal-vetturi bil-mutur li jidħlu fil-kategoriji C1 u C1E, tmurx kontra l-Artikolu 21(1) tal-Karta, skont liema "[k]ull diskriminazzjoni bbażata fuq […] id-diżabbiltà […] għandha tkun projbita".

42 F'dan ir-rigward, għandu qabel kollox jitfakkar li skont l-Artikolu 52(1) tal-Karta, kull limitazzjoni fuq l-eżerċizzju tad-drittijiet u tal-libertajiet rikonoxxuti minnha għandha tkun ipprovduta mil-liġi u tirrispetta l-kontenut essenzjali ta' dawn id-drittijiet u libertajiet. Bla ħsara għall-prinċipju ta' proporzjonalità, jistgħu jsiru limitazzjonijiet f'dawk il-każijiet biss fejn ikun meħtieġ u jekk dawn effettivament jissodisfaw l-għanijiet ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn.

43 Il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament jikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, stabbilit fl-Artikolu 20 tal-Karta, li tiegħu l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni stabbilit fl-Artikolu 21(1) tal-Karta huwa espressjoni partikolari. Skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-imsemmi prinċipju ġenerali jeżiġi mil-leġiżlatur tal-Unjoni, b'mod konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 52(1) tal-Karta, li sitwazzjonijiet paragunabbli ma jiġux ittrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux ittrattati b'mod ugwali, sakemm tali trattament ma jkunx oġġettivament iġġustifikat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Akzo Nobel Chemicals u Akcros Chemicals vs Il-Kummissjoni, C-550/07 P, EU:C:2010:512, punti 54 u 55 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata). Differenza fit-trattament tkun ġustifikata meta din tkun ibbażata fuq kriterju oġġettiv u raġonevoli, jiġifieri meta din tkun relatata ma' għan legalment ammissibbli segwit mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni, u meta din id-differenza tkun proporzjonali mal-għan imfittex mit-trattament ikkonċernat (sentenzi Arcelor Atlantique u Lorraine *et*, C-127/07, EU:C:2008:728, punt 47, kif ukoll Schaible, C-101/12, EU:C:2013:661, punt 77).

44 Sussegwentement, fir-rigward tal-kwistjoni partikolari tad-diskriminazzjoni bbażata fuq id-diżabbiltà, għandu jiġi kkonstatat li l-kunċett ta' "diżabbiltà" ma huwiex iddefinit mill-Karta nnifisha.

45 Fil-ġurisprudenza tagħha relatata mal-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kkunsidrat li l-kunċett ta' "diżabbiltà" għandu jinftiehem, għall-finijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE, tas-27 ta' Novembru 2000, li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79), moqrija fid-dawl tal-Konvenzjoni tal-ONU dwar id-diżabbiltà, fis-sens li jirreferi għal limitazzjoni, li tirriżulta b'mod partikolari minn nuqqasijiet fiżiċi, mentali jew psikiċi li jdumu fiż-żmien, li l-interazzjoni tagħha ma' diversi ostakoli tista' tipprekludi l-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva tal-persuna kkonċernata fil-ħajja professjonali abbażi tal-ugwaljanza mal-ħaddiema l-oħra (sentenzi HK Danmark, C-335/11 u C-337/11, EU:C:2013:222, punti 37 sa 39; Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-312/11, EU:C:2013:446, punt 56, kif ukoll Z., C-363/12, EU:C:2014:159, punt 76).

46 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jitqies li, f'dak li jikkonċerna l-kwistjoni tad-diskriminazzjoni bbażata fuq diżabbiltà, l-Artikolu 21(1) tal-Karta jeżiġi mill-leġiżlatur tal-Unjoni, b'mod partikolari, li dan tal-aħħar ma jagħmel ebda differenza fit-trattament abbażi ta' limitazzjoni li tirriżulta, b'mod partikolari, minn nuqqasijiet fiżiċi, mentali jew psikiċi li jdumu fiż-żmien, li l-interazzjoni tagħha ma' diversi ostakoli tista' tipprekludi l-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva tal-persuna kkonċernata fil-ħajja professjonali abbażi tal-ugwaljanza mal-ħaddiema l-oħra, sakemm tali differenza fit-trattament ma tkunx oġġettivament iġġustifikata.

47 F'dak li jikkonċerna l-persuni li jsofru, bħal W. Glatzel, minn nuqqas sensorjali li jdum fiż-żmien u li għandhom akutezza viżiva inferjuri għal 0.1 għall-agħar għajn, għandu jiġi rrilevat li dawn il-persuni ma jissodisfawx ir-rekwiżiti mediċi li jinsabu fl-Anness III tad-Direttiva 2006/126 u, għaldaqstant, ma tistax tinħareġ liċenzja tas-sewqan fir-rigward tagħhom, b'mod partikolari, għall-kategoriji ta' vetturi C1 u C1E. Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li għalkemm, skont l-informazzjoni li tirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, l-akutezza viżiva fl-agħar għajn ta' W. Glatzel hija baxxa ħafna, xorta jibqa' l-fatt li, meta juża għajnejh it-tnejn, W. Glatzel għandu akutezza viżiva binokulari ta' 1.0, jiġifieri, akutezza "kompleta". F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex provi biżżejjed biex tevalwa jekk tali nuqqas jikkostitwixxix "diżabbiltà" fis-sens tal-Artikolu 21(1) tal-Karta.

48 Issa, għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-validità tad-Direttiva 2006/126 fir-rigward tal-Artikolu 21(1) tal-Karta, ma huwiex neċessarju li jiġi ddeterminat b'mod definittiv jekk, fil-kawża prinċipali, W. Glatzel jitqiesx li huwa diżabbli jew le fis-sens ta' din l-aħħar dispożizzjoni. Fil-fatt, anki jekk jitqies li l-istat ta' persuna bħal W. Glatzel jidħol fil-kunċett ta' "diżabbiltà" fis-sens tal-Karta, id-differenza fit-trattament li tikkonsisti fin-nuqqas ta' ħruġ ta' liċenzja tas-sewqan fil-konfront tiegħu għall-vetturi li jidħlu fil-kategoriji C1 u C1E minħabba li l-akutezza viżiva tiegħu hija insuffiċjenti tista' tkun oġġettivament iġġustifikata fir-rigward tal-kunsiderazzjonijiet imperattivi relatati mas-sigurtà fit-toroq.

49 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà kkonstatat, fir-rigward tal-prinċipju ġenerali tal-ugwaljanza fit-trattament fil-kuntest tal-motivi bħall-età jew is-sess, li differenza fit-trattament ibbażata fuq karatteristika, marbuta ma' tali motivi, ma tikkostitwixxix diskriminazzjoni — jiġifieri, ksur tal-Artikolu 21(1) tal-Karta — meta, minħabba n-natura ta' attività professjonali jew tal-kundizzjonijiet tal-eżerċizzju tagħha, il-karatteristika inkwistjoni tikkostitwixxi rekwiżit professjonali essenzjali u determinanti, sa fejn l-għan ta' tali differenza fit-trattament ikun leġittimu u sa fejn ir-rekwiżit ikun proporzjonat għall-għanijiet imfittxija (ara, f'dan is-sens, fir-rigward tad-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età, is-sentenzi Wolf, C-229/08, EU:C:2010:3, punt 35, u Prigge *et*, C-447/09, EU:C:2011:573, punt 66; kif ukoll, f'dan is-sens, fir-rigward tad-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, is-sentenzi Johnston, 222/84, EU:C:1986:206, punt 40, u Sirdar, C-273/97, EU:C:1999:523, punt 25).

50 Bl-istess mod, għandu jitqies, għall-finijiet ta' din il-kawża, li differenza fit-trattament ta' persuna skont jekk din għandhiex jew le l-akutezza viżiva neċessarja għas-sewqan tal-vetturi bil-mutur ma tmurx, bħala prinċipju, kontra l-preklużjoni ta' diskriminazzjoni bbażata fuq id-diżabbiltà fis-sens tal-Artikolu 21(1) tal-Karta, sa fejn tali rekwiżit jissodisfa għan ta' interess ġenerali b'mod effettiv, ikun neċessarju u ma jkunx jikkostitwixxi oneru sproporzjonat.

51 F'dan ir-rigward, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, it-titjib tas-sigurtà fit-toroq jikkostitwixxi għan ta' interess ġenerali tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenzi van Schaik, C-55/93, EU:C:1994:363, punt 19; Cura Anlagen, C-451/99, EU:C:2002:195, punt 59; Il-Kummissjoni vs Il-Finlandja, C-54/05, EU:C:2007:168, punt 40; Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-110/05, EU:C:2009:66, punt 60; Attanasio Group, C-384/08, EU:C:2010:133 punt 50; Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, C-438/08, EU:C:2009:651, punt 48; Grasser, C-184/10, EU:C:2011:324, punt 26; kif ukoll Apelt, C-224/10, EU:C:2011:655, punt 47). Fil-fatt, bl-iffissar fl-Anness III tagħha, għas-sewwieqa tal-grupp 2 skont dan l-anness, ta' livell minimu ta' akutezza viżiva fir-rigward tal-agħar għajn, id-Direttiva 2006/126 għandha l-għan li ttejjeb is-sigurtà fit-toroq u b'hekk tissodisfa għan ta' interess ġenerali.

52 F'dak li jikkonċerna l-istħarriġ ġudizzjarju tar-rekwiżiti tal-prinċipju ta' proporzjonalità relatati mar-regoli minimi dwar l-akutezza viżiva neċessarja għas-sewqan tal-vetturi bil-mutur, għandu jiġi rrilevat li, fir-rigward tal-evalwazzjonijiet kumplessi ta' natura medika bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-leġiżlatur tal-Unjoni għandu setgħa diskrezzjonali wiesgħa u l-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja għandu jillimita ruħu għall-eżami dwar jekk l-eżerċizzju ta' din is-setgħa diskrezzjonali huwiex ivvizzjat minn żball manifest jew minn użu ħażin ta' poter jew inkella jekk il-leġiżlatur

imsemmi qabiżx manifestament il-limiti tas-setgħa diskrezzjonali tiegħu [ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Enviro Tech (Europe), C-425/08, EU:C:2009:635, punt 47; Afton Chemical, C-343/09, EU:C:2010:419, punt 28, u Etimine, C-15/10, EU:C:2011:504, punt 60].

53 Madankollu, xorta jibqa' l-fatt li, fil-preżenza ta' tali setgħa diskrezzjonali, il-leġiżlatur tal-Unjoni huwa marbut li jibbaża l-għażla tiegħu fuq kriterji oġġettivi (ara s-sentenza Vodafone *et*, C-58/08, EU:C:2010:321, punt 53) u dan għandu jħares l-osservanza tad-drittijiet fundamentali (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Volker und Markus Schecke u Eifert, C-92/09 u C-93/09, EU:C:2010:662, punt 46, kif ukoll Association belge des Consommateurs Test-Achats *et*, C-236/09, EU:C:2011:100, punt 17).

54 Fir-rigward tan-natura neċessarja tar-regoli minimi dwar il-vista tas-sewwieqa tal-vetturi bil-mutur, għandu jiġi rrilevat li huwa essenzjali, sabiex tiġi żgurata s-sigurtà fit-toroq, li l-persuni li tinħarġilhom liċenzja tas-sewqan ikollhom kapaċitajiet fiżiċi xierqa, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-vista tagħhom, peress li n-nuqqasijiet fiżiċi jista' jkollhom konsegwenzi kbar (ara, b'analoġija, f'dak li jikkonċerna l-bdoti tal-ajru, is-sentenza Prigge *et*, EU:C:2011:573, punt 67). Huwa effettivament magħruf li l-vista tissodisfa funzjoni essenzjali għas-sewqan ta' vetturi bil-mutur u, għalhekk, iktar ma tkun ridotta din il-funzjoni, iktar jidher neċessarju t-teħid inkunsiderazzjoni tar-rekwiżiti relatati mas-sigurtà fit-toroq.

55 Għalkemm il-projbizzjoni li tinħareġ il-liċenzja tas-sewqan mitluba lill-persuni li l-akutezza viżiva tagħhom ma tilħaqx ċertu livell hija neċessarja u tikkostitwixxi, ċertament, mezz effettiv biex tittejjeb is-sigurtà fit-toroq billi l-persuni msemmija jiġu esklużi miċ-ċirkolazzjoni, xorta jibqa' l-fatt li tali projbizzjoni ma għandhiex tikkostitwixxi oneru sproporzjonat.

56 B'hekk, f'kawża bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-prinċipju ta' proporzjonalità jeżiġi b'mod partikolari li jiġu rrikonċiljati, sa fejn ikun possibbli, il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament mar-rekwiżiti tas-sigurtà fit-toroq li huma determinanti għall-kundizzjonijiet tas-sewqan tal-vetturi bil-mutur (ara, b'analoġija, is-sentenzi Johnston, EU:C:1986:206, punt 38; Sirdar, EU:C:1999:523, punt 26, u Kreil, C-285/98, EU:C:2000:2, punt 23).

57 Għalhekk, għandu jiġi eżaminat jekk il-punt 6.4 tal-Anness III tad-Direttiva 2006/126, li jistabbilixxi l-livell minimu ta' akutezza viżiva ta' 0.1 għas-sewwieqa tal-vetturi bil-mutur li jidħlu fil-grupp 2 skont dan l-anness, huwiex sproporzjonat fil-konfront tal-għan imfittex.

58 Għandu jitfakkar li r-regoli minimi dwar il-kapaċità fiżika u mentali għas-sewqan ta' vettura bil-mutur, stabbiliti fl-Anness III tad-Direttiva 2006/126, ġew iffissati, hekk kif jirriżulta mill-premessa 8 ta' din id-direttiva, biex jiġu ssodisfatti rekwiżiti tas-sigurtà fit-toroq, konformement mal-Artikolu 91(1)(ċ) TFUE.

59 Il-kumitat għal-liċenzja tas-sewqan, stabbilit abbażi tal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2006/126, implementa l-grupp ta' ħidma "Vista" li ppubblika, f'Mejju 2005, ir-rapport "New standards for the visual functions of drivers". Skont dan ir-rapport, għalkemm rekwiżiti stretti dwar il-vista jservu bl-aħjar mod l-għan tas-sigurtà fit-toroq, dawn ir-rekwiżiti ma għandhomx ikunu tali li jeskludu lil persuni mill-attività ta' sewqan ta' vetturi bil-mutur mingħajr raġuni valida, fid-dawl tal-importanza primordjali, kemm mill-perspettiva soċjali kif ukoll ekonomika, li għandha din l-attività fis-soċjetà ta' llum.

60 F'dan ir-rapport, filwaqt li l-esperti tal-imsemmi grupp ta' ħidma ammettew li kien hemm nuqqas ta' data ta' riċerka biex jiġu ddeterminati l-valuri minimi fir-rigward tal-akutezza viżiva, huma kkunsidraw li, f'dak li jikkonċerna lis-sewwieqa tal-grupp 2 fis-sens tal-Anness III tad-Direttiva 2006/126, jiġifieri, b'mod partikolari, is-sewwieqa tal-vetturi tqal, il-valur minimu ta' 0.5 għall-akutezza viżiva fl-agħar għajn, meħtieġ minn din id-direttiva, ma kienx iktar iġġustifikat. Madankollu, filwaqt li kkunsidraw li kien possibbli li tiġi sostnuta t-teżi li tgħid li s-sewqan ta' vetturi bil-mutur hija attività binokulari u li, għalhekk, ma jista' jinħtieġ ebda rekwiżit li jikkonċerna l-akutezza viżiva monokulari għas-sewwieqa ta' dan il-grupp 2, il-grupp ta' ħidma "Vista" kkonkluda li r-responsabbiltà ikbar tas-sewwieqa

tal-imsemmi grupp 2 ixxaqleb favur il-ħtieġa, għal dawn is-sewwieqa, li jkollhom "għajn ta' riżerva" sabiex ikunu jistgħu, jekk ikun il-każ, iwaqqfu l-vettura li jkunu qegħdin isuqu fil-ġenb tat-triq billi jużaw l-agħar għajn.

61 Abbażi ta' dawn il-proposti tal-grupp ta' ħidma "Vista", il-leġiżlatur tal-Unjoni emenda l-Anness III tad-Direttiva 2006/126 b'tali mod li l-livell minimu ta' akutezza viżiva rikjest, fir-rigward tal-agħar għajn għal sewwieqa fil-grupp 2 fis-sens ta' dan l-anness, tbaxxa b'mod partikolari minn 0.5 għal 0.1. Barra minn hekk, fir-rapport tiegħu, il-grupp ta' ħidma "Vista" jsemmi wkoll bi preċiżjoni l-effetti tal-amblijopija għas-sewwieqa tal-vetturi bil-mutur.

62 F'dawn iċ-ċirkustanzi, jidher li l-leġiżlatur tal-Unjoni emenda l-anness imsemmi b'għarfien sħiħ tal-fatti u li dan għamel sforz biex kemm jista' jkun possibbli jillimita kull ksur tad-drittijiet tal-persuni li jbatu minn nuqqas fil-vista.

63 Madankollu, mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li, għall-qorti tar-rinviju, anki dan il-livell minimu ta' 0.1, adottat mid-Direttiva 2006/126, jidher eċċessiv.

64 Issa, f'dak li jikkonċerna d-determinazzjoni ta' dan il-valur minimu relatat mal-akutezza viżiva rikjesta mid-Direttiva 2006/126, għandu jitfakkar li l-leġiżlatur tal-Unjoni għandu setgħa diskrezzjonali wiesgħa fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' natura medika kumplessa, bħal dawk relatati mal-akutezza viżiva neċessarja għas-sewqan tal-vetturi bil-mutur. Fil-fatt, f'tali kuntest, il-qorti tal-Unjoni ma tistax tissostitwixxi l-evalwazzjoni tagħha tal-fatti ta' natura xjentifika u teknika għal dik tal-leġiżlatur tal-Unjoni li lilu t-trattati fundaturi kkonferew dan l-inkarigu (fir-rigward ta' dan tal-aħħar, ara, b'mod partikolari, is-sentenza Afton Chemical, EU:C:2010:419, punt 28).

65 Barra minn hekk, il-grupp ta' ħidma "Vista" jinnota, fir-rapport tiegħu, nuqqas ta' studji xjentifiċi fir-rigward ta' diversi aspetti ta' vista tas-sewwieqa ta' vetturi bil-mutur. F'dan ir-rigward, għandha titfakkar ukoll il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tgħid li, meta jkunu jeżistu inċertezzi fir-rigward tal-eżistenza jew tal-portata ta' riskji għas-saħħa tal-persuni, il-leġiżlatur tal-Unjoni jista' jadotta miżuri ta' protezzjoni mingħajr ma jkollu jistenna li r-realtà u l-gravità ta' dawn ir-riskji tkun ippruvata b'mod sħiħ (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Ir-Renju Unit vs Il-Kummissjoni, C-180/96, EU:C:1998:192, punt 99; Il-Kummissjoni vs Id-Danimarka, C-192/01, EU:C:2003:492, punt 49, kif ukoll Gowan Comércio Internacional e Serviços, C-77/09, EU:C:2010:803, punt 73).

66 Fid-dawl tar-rabta stretta li teżisti bejn is-sigurtà fit-toroq u l-protezzjoni tas-saħħa tal-utenti tat-toroq, meta l-leġiżlatur tal-Unjoni jadatta, b'mod konformi mal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2006/126, ir-regoli minimi fir-rigward tal-akutezza viżiva għall-progress xjentifiku u tekniku, ikun mixtieq li dan, fil-preżenza ta' inċertezzi xjentifiċi, jagħti preferenza lil kunsiderazzjonijiet relatati mat-titjib tas-sigurtà fit-toroq. B'hekk, il-fatt li l-leġiżlatur imsemmi, bil-għan li ma jikkompromettix is-sigurtà fit-toroq, iddeċieda li ma jneħħix kull rekwiżit minimu li jikkonċerna l-akutezza viżiva fl-agħar għajn tas-sewwieqa tal-grupp 2 fis-sens tal-Anness III tad-direttiva msemmija, ma jistax jikkonferixxi natura sproporzjonata lil din il-miżura ta' adattament.

67 Finalment, il-qorti tar-rinviju tirrileva li l-fatt li W. Glatzel ma rċeviex il-liċenzja tas-sewqan mitluba jista' jikkostitwixxi diskriminazzjoni fis-sens tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni tal-ONU dwar id-diżabbiltà. B'mod partikolari, mit-termini tal-artikolu msemmi, intitolat "Definizzjonijiet", jirriżulta li d-diskriminazzjoni bbażata fuq id-diżabbiltà tinkludi fiha l-forom kollha ta' diskriminazzjoni, inkluż ir-rifjut ta' akkomodazzjoni raġonevoli.

68 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Unjoni approvat il-Konvenzjoni tal-ONU dwar id-diżabbiltà bid-Deċiżjoni 2010/48. Konsegwentement, id-dispożizzjonijiet ta' din il-konvenzjoni jifformaw parti integrali, b'effett mid-dħul fis-seħħ tagħha, mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni (ara s-sentenzi Haegeman, 181/73, EU:C:1974:41, punt 5, u Z., EU:C:2014:159, punt 73). Barra minn hekk,

mill-appendiċi għall-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/48 jirriżulta li, fir-rigward tal-mobbiltà personali, id-Direttiva 2006/126 tinsab fost l-atti legali tal-Unjoni li jittrattaw il-kwistjonijiet irregolati mill-konvenzjoni msemmija.

69 Madankollu, hekk kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, peress li d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tal-ONU dwar id-diżabbiltà huma suġġetti, fl-eżekuzzjoni jew fl-effetti tagħhom, għall-intervent ta' atti ulterjuri mill-partijiet kontraenti, id-dispożizzjonijiet ta' din il-konvenzjoni ma jikkostitwixxux, mill-perspettiva tal-kontenut tagħhom, dispożizzjonijiet inkundizzjonati u preċiżi biżżejjed li jippermettu stħarriġ tal-validità tal-att tal-liġi tal-Unjoni fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-konvenzjoni msemmija (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Z., EU:C:2014:159, punti 89 u 90).

70 Madankollu, xorta jibqa' l-fatt li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, is-supremazija tal-ftehim internazzjonali konklużi mill-Unjoni fuq it-testi ta' dritt derivat teħtieġ interpretazzjoni ta' dan tal-aħħar, sa fejn ikun possibbli, b'mod konformi ma' dawn il-ftehim (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, C-61/94, EU:C:1996:313, punt 52; HK Danmark, EU:C:2013:222, punt 29, kif ukoll Z., EU:C:2014:159, punt 72).

71 Issa, għandu jiġi kkonstatat li l-punt 6.4 tal-Anness III tad-Direttiva 2006/126 jipprovdi, b'mod inekwivoku, li s-sewwieqa tal-vetturi bil-mutur li jidħlu fil-kategoriji C1 u C1E għandhom ikollhom akutezza viżiva minima ta' 0.1 fl-aġħar għajn. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma jidhirx possibbli li din id-dispożizzjoni tad-dritt derivat tingħata interpretazzjoni li tippermetti li tiġi injorata r-regola ċara li tistabbilixxi dan il-valur minimu.

72 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha msemmija iktar 'il fuq jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni, meta adotta d-dispożizzjoni li l-validità tagħha hija kkontestata, ibbilanċja, minn naħa, il-ħtieġa ta' sigurtà fit-toroq u, min-naħa l-oħra, id-dritt tal-persuni milquta minn diżabbiltà viżiva għan-nondiskriminazzjoni b'mod li ma jistax jitqies li huwa sproporzjonat meta mqabbel mal-għanijiet imfittxija.

73 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha msemmija iktar 'il fuq, għandu jiġi kkonstatat li l-evalwazzjoni tal-kwistjoni ma weriet ebda element ta' natura li taffettwa l-validità tal-punt 6.4 tal-Anness III tad-Direttiva 2006/126 fir-rigward tal-Artikolu 21(1) tal-Karta.

Fuq l-integrazzjoni tal-persuni diżabbli stabbilita fl-Artikolu 26 tal-Karta

74 Għandu jitfakkar, hekk kif jirriżulta mill-Artikolu 52(5) u (7) tal-Karta u mill-ispjegazzjonijiet relattivi għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali (ĠU 2007, C 303, p. 17) dwar l-Artikoli 26 u 52(5) tal-Karta, li l-invokazzjoni tal-Artikolu 26 tagħha quddiem il-qorti hija ammessa għall-interpretazzjoni u l-kontroll tal-legalità tal-atti leġiżlattivi tal-Unjoni li jimplementaw il-prinċipju stabbilit fl-artikolu msemmi, jiġifieri l-integrazzjoni tal-persuni diżabbli.

75 Fir-rigward tal-implementazzjoni ta' dan il-prinċipju mid-Direttiva 2006/126, mit-termini tal-premessa 14 tagħha jirriżulta b'mod partikolari li "[g]ħandhom ikunu adottati dispożizzjonijiet speċifiċi sabiex jiffaċilitaw lill-persuni b'diżabbiltajiet fiżiċi sabiex isuqu vetturi". Bl-istess mod, l-Artikolu 5(2) tad-direttiva msemmija jirreferi għall-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' liċenzja tas-sewqan lis-sewwieqa b'diżabbiltà fiżika, b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni tas-sewqan għal vetturi adattati.

76 B'hekk, sa fejn id-Direttiva 2006/126 tikkostitwixxi att leġiżlattiv tal-Unjoni li jimplementa l-prinċipju li jinsab fl-Artikolu 26 tal-Karta, din l-aħħar dispożizzjoni għandha tiġi applikata għall-kawża prinċipali.

77 Barra minn hekk, skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 51(1) tal-Karta, il-leġiżlatur tal-Unjoni għandu josserva u jħeġġeġ l-applikazzjoni tal-prinċipji stabbiliti minnha. Fir-rigward tal-prinċipju ta' integrazzjoni tal-persuni diżabbli, l-Artikolu 26 tal-Karta jipproklama li l-Unjoni tirrikonoxxi u

tirrispetta d-dritt tal-persuni diżabbli li jibbenefikaw minn miżuri intiżi biex jiżguraw l-awtonomija tagħhom, l-integrazzjoni soċjali u professjonali tagħhom, u l-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja tal-komunità.

78 Għalhekk, minkejja li l-Artikolu 26 tal-Karta jordna li l-Unjoni tirrispetta u tirrikonoxxi d-dritt tal-persuni diżabbli li jibbenefikaw minn miżuri ta' integrazzjoni, il-prinċipju stabbilit f'dan l-artikolu ma jimplikax, min-naħa l-oħra, li l-leġiżlatur tal-Unjoni huwa marbut li jadotta tali jew tali miżura partikolari. Fil-fatt, sabiex dan l-artikolu joħloq b'mod sħiħ l-effetti tiegħu, dan għandu jiġi kkonkretizzat b'dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni jew tad-dritt nazzjonali. Konsegwentement, l-artikolu msemmi ma jistax, minnu nnifsu, jikkonferixxi lill-individwi dritt soġġettiv invokabbli bħala tali (ara, f'dan is-sens, fir-rigward tal-Artikolu 27 tal-Karta, is-sentenza Association de médiation sociale, C-176/12, EU:C:2014:2, punti 45 u 47).

79 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha msemmija iktar 'il fuq, għandu jiġi kkonstatat li l-evalwazzjoni tal-kwistjoni ma weriet ebda element ta' natura li taffettwa l-validità tal-punt 6.4 tal-Anness III tad-Direttiva 2006/126 fir-rigward tal-Artikolu 26 tal-Karta.

Fuq l-ugwaljanza fil-liġi stabbilita fl-Artikolu 20 tal-Karta

80 Il-qorti tar-rinviju tirrileva li, għas-sewwieqa li jidħlu fil-grupp 1 fis-sens tal-Anness III tad-Direttiva 2006/126, li ma jissodisfawx ir-regoli relatati, b'mod partikolari, mal-akutezza viżiva, il-ħruġ tal-liċenzja tas-sewqan jista' madankollu jseħħ f'"każijiet eċċezzjonali" meta sewwieq jissuġġetta ruħu għal eżami individwali li jirrigwarda l-kapaċità tiegħu għas-sewqan. B'hekk, il-fatt li tali possibbiltà hija nieqsa għas-sewwieqa tal-grupp 2, skont l-istess anness, jista' jikkostitwixxi differenza fit-trattament li tmur kontra l-Artikolu 20 tal-Karta.

81 Hekk kif tfakkar fil-punt 43 ta' din is-sentenza, dan l-artikolu, li huwa intitolat "L-ugwaljanza f'għajnejn il-liġi", huwa b'mod partikolari intiż biex jiżgura li s-sitwazzjonijiet paragunabbli ma jirċivux trattament differenti.

82 Għalhekk, għandu jiġi evalwat jekk, minn naħa, is-sitwazzjoni tas-sewwieqa li jidħlu fil-grupp 1 skont l-Anness III tad-Direttiva 2006/126 u, min-naħa l-oħra, dik tas-sewwieqa li jidħlu fil-grupp 2 skont l-istess Anness, humiex paragunabbli.

83 F'dan ir-rigward, hekk kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 62 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-leġiżlatur tal-Unjoni ħa ħsieb li joħloq żewġ kategoriji ta' sewwieqa skont id-daqs tal-vettura, in-numru ta' passiġġieri ttrasportati u r-responsabbiltajiet li jirriżultaw, għalhekk, mis-sewqan ta' dawn il-vetturi. Fil-fatt, il-karatteristiċi tal-vetturi kkonċernati, bħad-daqs, il-piż jew il-manuvrabbiltà ta' dawn il-vetturi, jiġġustifikaw l-eżistenza ta' kundizzjonijiet differenti għall-ħruġ tal-liċenzja tas-sewqan intiża għas-sewqan tagħhom. Konsegwentement, is-sitwazzjonijiet tas-sewwieqa ta' tali vetturi ma humiex paragunabbli.

84 Sa fejn is-sitwazzjonijiet imsemmija ma humiex paragunabbli, differenza fit-trattament tas-sitwazzjonijiet ikkonċernati ma tiksirx id-dritt tas-sewwieqa li jidħlu fi grupp wieħed jew ieħor ta' sewwieqa ta' "l-ugwaljanza f'għajnejn il-liġi" stabbilit fl-Artikolu 20 tal-Karta.

85 B'hekk, peress li s-sitwazzjoni tas-sewwieqa tal-gruppi 1 u 2 ma hijiex paragunabbli, l-Artikolu 20 tal-Karta ma jipprekludix il-punt 6 tal-Anness III tad-Direttiva 2006/126, sa fejn il-punt imsemmi jippermetti lis-sewwieqa li jidħlu fil-grupp 1 li jiksbu liċenzja tas-sewqan f'"każijiet eċċezzjonali", anki fin-nuqqas ta' akutezza viżiva li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti minn din id-direttiva għas-sewwieqa ta' dan il-grupp, iżda ma jippermettix dan għas-sewwieqa li jidħlu fil-grupp 2.

86 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha msemmija iktar ’il fuq, għandu jiġi kkonstatat li l-evalwazzjoni tal-kwistjoni ma weriet ebda element ta’ natura li taffettwa l-validità tal-punt 6.4 tal-Anness III tad-Direttiva 2006/126 fir-rigward tal-Artikoli 20, 21(1) jew 26 tal-Karta.

Fuq l-ispejjeż

87 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta’ kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) taqta’ u tiddeċiedi:

L-evalwazzjoni tal-kwistjoni ma weriet ebda element ta’ natura li taffettwa l-validità tal-punt 6.4 tal-Anness III tad-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta’ Diċembru 2006, dwar il-Liċenzji tas-Sewqan, kif emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/113/KE, tal-25 ta’ Awwissu 2009, fir-rigward tal-Artikoli 20, 21(1) jew 26 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Firem